Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag. Juris (Eur Law)

Awla 9

Paul Abela u Emanuel Abela

vs

Il-Kummissarju tal-Pulizija

Illum 18 ta' April, 2002

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Paul Abela u Emanuel Abela tat-30 ta' Settembru, 1999. Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru, 1999 u tal-20 ta' Ottubru, 1999.

Rat illi kif ordnat il-Qorti u ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kap. 9 ir-rikorrenti jobbligaw ruhhom taht penali ta' multa ta' mitt lira (LM100) li jaghtu fil-kawza ix-xiehda taghhom jew il-

provi kollha li jkollhom f'idejhom ai termini tal-istess Artikolu 541 tal-Kap. 9.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti;

Il-Qorti rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-14 ta' Frar, 2002, kif ukoll ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rikors ta' Paul Abela u Emanuel Abela tat-22 ta' Jannar, 2002.

Ikkunsidrat :

Illi l-funzjoni tal-Qorti fir-rigward ta' dan ir-rikors hija regolata mill-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ghalhekk ghandha biss wara illi meta mehtieg tisma l-provi tar-rikorrenti u tal-Kummissarju tal-Pulizija tara jekk prima facie hemmx lok ghar-rapport illi ghamlu lill-Kummissarju tal-Pulizija r-rikorrenti odjerni.

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha tasal biss sal-grad tal-prima facie u cioe' jekk hemmx lok prima facie ghar-rapport illi ghamlu r-rikorrenti lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax u fil-fatt mhix ser tezamina fir-reqqa il-provi kollha illi gew prodotti, imma ghandha tiddeciedi biss jekk mal-ewwel daqqa ta' ghajn (il-prima facie), ir-rapport tar-rikorrenti jimmeritax jew le illi jigi investigat ulterjorment permezz tal-azzjoni necessarja quddiem il-Qorti kompetenti, liema Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-htija o meno tas-Sur Adrian Busietta u f'dak l-istadju ovvjament il-Qorti tiddeciedi sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi wara illi ghamlet dan l-ezami prima facie il-Qorti taqta u tiddeciedi illi r-rapport maghmul mir-rikorrenti huwa prima facie gustifikat. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors ipprezentat minnhom fit-30 ta' Settembru, 1999 u ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jistitwixxi proceduri fuq ir-rapport tar-rikorrenti, kopja ta' liema rapport hija esebita bhala Dok A mal-imsemmi rikors tat-30 ta' Settembru, 1999. Il-Qorti tordna illi dan id-digriet taghha jigi notifikat permezz tar-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur